SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla)

3 ta' Settembru 2020*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Roaming fuq networks pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni– Regolament (UE) Nru 531/2012 – Artikolu 6a – Artikolu 6e(3) – Obbligu għall-fornitur ta' servizzi ta' roaming li japplika b'mod awtomatiku t-tariffa rregolata ta' roaming – Applikazzjoni għall-konsumaturi li jkunu għażlu tariffa ta' roaming speċifika qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) Nru 531/2012"

Fil-Kawża C-539/19,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari abbażi tal-Artikolu 267 TFUE, imressqa mil-Landgericht München I (il-Qorti Reġjonali ta' München I, il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tal-4 ta' Ġunju 2019, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-15 ta' Lulju 2019, fil-proċedura

Bundesverband der Verbraucherzentralen und Verbraucherverbände – Verbraucherzentrale Bundesverband eV

vs

Telefónica Germany GmbH oCo. OHG,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla),

komposta minn L. S. Rossi, President tal-Awla, J. Malenovský u N. Wahl (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Tanchev,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Telefónica Germany GmbH & Co. OHG, minn H. Plassmeier, Rechtsanwalt,

– għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn P. Gentili, avvocato dello Stato,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn G. Braun u L. Nicolae, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 6a u tal-Artikolu 6e(3) tar-Regolament (UE) Nru 531/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar roaming fuq networks pubbliċi ta' komunikazzjonijiet mobbli fl-Unjoni (ĠU 2012, L 172, p. 10), kif emendat bir-Regolament (UE) 2015/2120 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 (ĠU 2015, L 310, p. 1, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 531/2012").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn Telefónica Germany GmbH & Co. OHG, fornitur ta' servizzi ta' telekomunikazzjonijiet li topera, b'mod partikolari, taħt l-isem ta' "O2", u Bundesverband der Verbraucherzentralen und Verbraucherverbände – Verbraucherzentrale Bundesverband eV (L-Unjoni Federali taċ-Ċentrali u l-Assoċjazzjonijiet tal-Konsumaturi, il-Ġermanja) (iktar 'il quddiem il-"Bundesverband") dwar mandat ta' inibizzjoni mressaq minn din tal-aħħar kontra prattiki ta' O2 relatati mal-modalitajiet ta' passaġġ għat-tariffa l-ġdida ta' roaming irregolata fil-livell tal-Unjoni Ewropea, wara t-tneħħija, b'effett mill-15 ta' Ġunju 2017, tal-ispejjeż ta' roaming bl-imnut supplimentari ġewwa l-Unjoni.

Il-kuntest ġuridiku

Ir-Regolament Nru 531/2012.

3 Skont l-Artikolu 2(2)(r) tar-Regolament Nru 531/2012, il-"prezz bl-imnut nazzjonali" huwa ddefinit kif ġej:

"prezz domestiku bl-imnut" ifisser il-ħlas domestiku bl-imnut għal kull unità tal-fornitur tar-roaming applikabbli għat-telefonati magħmula u għall-messaġġi SMS mibgħuta (li t-tnejn joriġinaw u jaslu fuq netwerks differenti tal-komunikazzjoni pubblika fl-istess Stat Membru), u għad-data kkunsmata minn klijent; fil-każ li ma jkun hemm ebda ħlas domestiku bl-imnut speċifiku għal kull unità, il-prezz domestiku bl-imnut għandu jitqies li huwa l-istess mekkaniżmu ta' ħlas bħal dak applikat lill-konsumatur għat-telefonati magħmula u għall-messaġġi SMS mibgħuta (li t-tnejn joriġinaw u jaslu fuq netwerks differenti tal-komunikazzjoni pubblika fl-istess Stat Membru), u għad-data kkunsmata fl-Istat Membru ta' dak il-klijent."

4 L-Artikolu 6a ta' dan ir-regolament, intitolat "Tneħħija ta' ħlasijiet supplimentari tar-roaming bl-imnut", jipprovdi:

"B'effett mill-15 ta' Ġunju 2017, […] il-forniturі tar-roaming ma għandhom jimponu ebda ħlas supplimentari addizzjonali mal-prezz bl-imnut domestiku fuq il-klijenti tar-roaming fi kwalunkwe Stat Membru għal kwalunkwe telefonata bir-roaming regolata li ssir jew tiġi riċevuta, għal kwalunkwe messaġġ SMS bir-roaming regolat li jintbagħat u għal kwalunkwe servizz regolat ta' roaming tad-data li jintuża, inklużi messaġġi MMS, u lanqas xi ħlas ġenerali biex it-tagħmir jew servizz terminali jkun jista' jintuża barra mill-pajjiż, soġġett għall-Artikoli 6b u 6c."

5 L-Artikolu 6b tal-imsemmi regolament, intitolat "Użu ġust", huwa fformulat kif ġej:

"1. Il-forniturі tar-roaming jistgħu japplikaw […] 'politika ta' użu ġust' għall-konsum ta' servizzi regolati ta' roaming bl-imnut ipprovduti fil-livell ta' prezz bl-imnut domestiku applikabbli, sabiex jipprevjenu użu abbużiv jew anomalu ta' servizzi regolati ta' roaming bl-imnut mill-klijenti tar-roaming, bħall-użu ta' dawn is-servizzi minn klijenti tar-roaming fi Stat Membru għajr dak tal-fornitur domestiku tagħhom għal skopijiet għajr dawk ta' vvjaġġar perjodiku.

Kwalunkwe politika ta' użu ġust għandha tagħti l-possibbiltà lill-klijenti tal-fornitur tar-roaming li jikkunsmaw volumi ta' servizzi regolati ta' roaming bl-imnut bil-prezz bl-imnut domestiku applikabbli li huma konsistenti mal-pjanijiet tariffarji rispettivi tagħhom.

2. L-Artikolu 6e għandu japplika għal servizzi regolati ta' roaming bl-imnut li jaqbżu kwalunkwe limitu taħt kwalunkwe politika ta' użu ġust."

6 Skont l-Artikolu 6c(1) tar-Regolament Nru 531/2012, intitolat "Is-sostenibbiltà tat-tneħħija tal-ħlasijiet supplimentari tar-roaming bl-imnut":

"F'ċirkostanzi speċifiċi u eċċezzjonali, bil-ħsieb li tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-mudell ta' ħlasijiet domestiku tiegħu, fejn fornitur tar-roaming ma jkunx jista' jirkupra l-ispejjeż globali reali u mbassra tiegħu għall-provvista ta' servizzi ta' roaming regolati skont l-Artikoli 6a u 6b, mid-dħul globali reali u mbassar mill-provvista ta' servizzi bħal dawn, dak il-fornitur tar-roaming jista' japplika għal awtorizzazzjoni biex japplika ħlas supplimentari. Dak il-ħlas supplimentari għandu jiġi applikat biss sa fejn ikun meħtieġ biex jiġu rkuprati l-ispejjeż tal-provvista ta' servizzi regolati ta' roaming bl-imnut, filwaqt li jitqiesu l-ħlasijiet bl-ingrossa massimi applikabbli."

7 L-Artikolu 6e ta' dan ir-regolament, intitolat "Provvista ta' servizzi regolati ta' roaming bl-imnut", jipprovdi, fil-paragrafi 1 u 3 tiegħu:

"1. Mingħajr preġudizzju għat-tieni subparagrafu, meta fornitur tar-roaming japplika ħlas supplimentari għall-konsum ta' servizzi regolati ta' roaming bl-imnut 'l fuq minn kwalunkwe limiti skont kwalunkwe politika ta' użu ġust, għandu jissodisfa dawn ir-rekwiżiti (minbarra l-VAT):

[…]

3. Il-forniturі tar-roaming jistgħu joffru u l-klijenti tar-roaming jistgħu jagħżlu deliberatament tariffa tar-roaming għajr dik stipulata f'konformità mal-Artikoli 6a, 6b, 6c u l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, li bis-saħħa tagħha l-klijenti tar-roaming igawdu minn tariffa differenti għal servizzi regolati ta' roaming minn dik li kieku kienu jingħataw fin-nuqqas ta' għażla bħal din. Il-fornitur tar-roaming għandu jfakkar lil dawk il-klijenti tar-roaming fin-natura tal-vantaġġi tar-roaming li b'hekk jintilfu.

Mingħajr preġudizzju għall-ewwel subparagrafu, il-forniturі tar-roaming għandhom japplikaw tariffa stabbilita f'konformità mal-Artikoli 6a u 6b, u mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għall-klijenti eżistenti u ġodda kollha tar-roaming awtomatikament.

Kwalunkwe klijent tar-roaming jista', fi kwalunkwe ħin, jitlob li jaqleb għal jew minn tariffa stipulata f'konformità mal-Artikoli 6a, 6b, 6c u l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Meta l-klijenti tar-roaming deliberatament jagħżlu li jibdlu t-tariffa stipulata f'konformità mal-Artikoli 6a, 6b, 6c, u l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, jew jaqilbu lura għaliha, kwalunkwe bidla għandha ssir fi żmien jum ta' xogħol minn meta tasal it-talba, għandha tkun mingħajr ħlas u ma għandhiex tinvolvi kundizzjonijiet jew restrizzjonijiet li jappartjenu għal elementi tal-abbonamenti għajr ir-roaming. Il-forniturі tar-roaming jistgħu jdumu ma jagħmlu bidla sa meta t-tariffa tar-roaming preċedenti tkun ilha effettiva għal perijodu minimu speċifikat li ma jaqbiżx ix-xahrejn."

8 L-Artikolu 6f tal-imsemmi regolament, intitolat "Ħlasijiet supplimentari tranżizzjonali ta' roaming bl-imnut", jipprovdi:

"1. Mit-30 ta' April 2016 sal-14 ta' Ġunju 2017, il-forniturі tar-roaming jistgħu japplikaw ħlas supplimentari flimkien mal-prezz domestiku bl-imnut għall-provvista ta' servizzi regolati ta' roaming bl-imnut.

2. Matul il-perijodu msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Artikolu 6e għandu japplika *mutatis mutandis*."

9 L-Artikolu 14 tar-Regolament Nru 531/2012, intitolat "Trasparenza ta' tariffi bl-imnut ta' telefonati u messaġġi SMS roaming", jipprovdi fil-paragrafu 3 tiegħu:

"Meta jsiru l-abbonamenti, il-forniturі tar-roaming għandhom jagħtu l-informazzjoni sħiħa lill-klijenti kollha dwar il-ħlasijiet tar-roaming applikabbli. Huma għandhom jipprovdu wkoll lill-klijenti tar-roaming tagħhom aġġornamenti dwar il-ħlasijiet tar-roaming applikabbli mingħajr dewmien bla bżonn kull darba li jkun hemm bidla f'dawn il-ħlasijiet.

Il-forniturі tar-roaming għandhom wara dan ifakkru permezz ta' messaġġ, f'intervalli raġonevoli, lill-konsumaturi kollha li jkunu għażlu tariffa oħra."

Ir-Regolament Nru 2015/2120

10 Il-premessi 21 u 25 tar-Regolament Nru 2015/2120 jistabbilixxu:

"(21) Ir-[Regolament Nru 531/2012 fil-verżjoni inizjali tiegħu] jistabbilixxi l-objettiv ta' politika li d-differenza bejn it-tariffi tar-roaming u dawk domestiċi għandha toqrob lejn iż-żero. Madankollu, l-għan aħħari li tiġi eliminata d-differenza bejn il-ħlasijiet domestiċi u l-ħlasijiet tar-roaming ma jistax jintlaħaq b'mod sostenibbli permezz tal-livell osservat tal-ħlasijiet bl-ingrossa. Għalhekk dan ir-Regolament jistabbilixxi li l-ħlasijiet supplimentari tar-roaming bl-imnut għandhom jitneħħew mill-15 ta' Ġunju 2017, dment li jiġu indirizzati l-kwistjonijiet li qed jiġu osservati bħalissa fis-swieq tar-roaming bl-ingrossa. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami tas-suq tar-roaming bl-ingrossa, u għandha tippreżenta proposta leġislattiva bbażata fuq l-eżitu ta' dak ir-rieżami.

[…]

(25) Sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel mir-[Regolament Nru 531/2012 fil-verżjoni inizjali tiegħu] għat-tneħħija tal-ħlasijiet supplimentari tar-roaming bl-imnut, dan ir-Regolament għandu jintroduċi perijodu ta' tranżizzjoni, li fih il-forniturі tar-roaming għandhom ikunu jistgħu jżidu ħlas supplimentari mal-prezzijiet domestiċi għal servizzi regolati ta' roaming bl-imnut li jiġu pprovduti. Dak ir-reġim tranżizzjonali għandu diġà jħejji għal bidla fundamentali fl-approċċ, billi r-roaming madwar l-UE kollha jiġi inkorporat bħala parti integrali tal-pjanijiet ta' tariffi domestiċi offruti f'diversi swieq domestiċi. Għalhekk, il-punt tat-tluq tar-reġim tranżizzjonali għandu jkun il-prezzijiet bl-imnut domestiċi rispettivi, li jistgħu jkunu soġġetti għal ħlas supplimentari ta' mhux aktar mill-ħlas massimu tar-roaming bl-ingrossa applikabbli fil-perijodu immedjatament qabel il-perijodu tranżizzjonali. Tali reġim tranżizzjonali għandu jiżgura wkoll tnaqqis sostanzjali fil-prezz għall-klijenti mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u, meta l-ħlas supplimentari jiżdied mal-prezz domestiku bl-imnut, ma għandu fl-ebda ċirkostanza jwassal għal prezz ogħla tar-roaming bl-imnut mill-ħlas regolat massimu tar-roaming bl-imnut applikabbli fil-perijodu immedjatament il-perijodu tranżizzjonali."

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

11 Telefónica Germany hija fornitur ta' servizzi ta' telekomunikazzjonijiet li toffri, b'mod partikolari, servizzi ta' komunikazzjonijiet mobbli, taħt l-isem ta' "O2".

12 Wara l-adozzjoni tar-Regolament 2015/2120, O2 ippubblikat fuq is-sit internet tagħha www.o2online.de informazzjoni dwar il-modalitajiet ta' passaġġ għat-tariffa l-ġdida ta' roaming irregolat fil-livell tal-Unjoni, li tikkorrispondi, bħala prinċipju, għas-servizz "Roam like at home" (roaming b'tariffi nazzjonali) (iktar 'il quddiem ir-"RBTN"). B'mod iktar preċiż, fit-tab intitolat "Informazzjoni ġenerali" ta' dan is-sit, huwa indikat dan li ġej:

"Il-klijenti kollha ta' O2 jistgħu, mit-22 ta' Mejju 2017, jgħaddu għat-tariffa ta' roaming UE rregolata permezz ta' SMS. Għal dan il-għan, nitolbuk tibgħat SMS bl-indikazzjoni "IVA" fuq 65544. Sussegwentement, tgħaddi awtomatikament għat-tariffa rregolata. Meta t-tibdil ikun sar b'suċċess, ser tirċievi konferma permezz ta' SMS."

13 Mit-tab intitolat "Kif naċċedi għat-tariffa ta' roaming UE rregolata?" tal-imsemmi sit jirriżulta li:

"Fil-prinċipju, tista' fi kwalunkwe ħin, b'mod faċli ħafna tgħaddi għat-tariffa ta' roaming UE rregolata l-ġdida permezz tal-applikazzjoni [informatika] ta' O2. Il-klijenti kollha ta' O2 jistgħu wkoll, mit-22 ta' Mejju 2017, jgħaddu għat-tariffa ta' roaming UE rregolata permezz ta' SMS. Għal dan il-għan, nitolbuk tibgħat SMS bl-indikazzjoni "IVA" fuq 65544. Sussegwentement tgħaddi awtomatikament għat-tariffa rregolata. Meta t-tibdil ikun sar b'suċċess, ser tirċievi konferma permezz ta' SMS.

Jekk, fil-preżent, int diġà ffatturat bit-tariffa ta' roaming UE rregolata (imsejjħa wkoll "Roaming Basic" [servizzi ta' roaming bażiku] jew "Weltzonenpack" [pakkett żona mondjali], jew "Mobiles Internet Ausland" [internet mobbli barra mill-pajjiż]), int ser tgħaddi għat-tariffa l-ġdida sa mhux iktar tard mill-15 ta' Ġunju 2017 mingħajr ma jkollok tagħmel xejn. It-tariffa ta' roaming UE rregolata li tibbenefika minnha attwalment ser tiġi awtomatikament issostitwita bit-tariffa l-ġdida ta' roaming UE rregolata u, mill-15 ta' Ġunju 2017, int ser tibbenefika mill-kundizzjonijiet nazzjonali tat-tariffa tiegħek (għat-telefonati, is-SMS u d-data) ukoll fil-pajjiżi l-oħra tal-[Unjoni]."

14 Skont il-Bundesverband, il-modalitajiet ta' passaġġ għat-tariffa l-ġdida ta' roaming irregolata, kif indikati fuq is-sit internet ta' O2, kienu jeżiġu, essenzjalment, mill-klijenti ta' O2 li, qabel il-15 ta' Ġunju 2017 kienu ffatturati skont tariffa differenti minn dik tat-tariffa tar-roaming irregolat (iktar 'il quddiem it-"tariffa l-oħra" jew it-"tariffa alternattiva") li jittrasmettu lil O2 dikjarazzjoni speċjali sabiex jibbenefikaw mill-vantaġġi tat-tariffa l-ġdida ta' roaming irregolat, u b'mod partikolari tar-RBTN, permezz ta' SMS u/jew permezz tal-applikazzjoni informatika. Il-Bundesverband, peress li qieset li din il-prattika kienet kuntrarja b'mod partikolari għall-Artikolu 6a u għall-Artikolu 6e(3) tar-Regolament Nru 531/2012, adixxiet lill-qorti tar-rinviju, il-Landgericht München I (il-Qorti Reġjonali ta' München I, il-Ġermanja), b'mandat ta' inibizzjoni ta' din il-prattika.

15 Fil-kuntest ta' din l-azzjoni, il-Bundesverband issostni li, skont dawn id-dispożizzjonijiet, ir-RBTN kellha tiġi applikata awtomatikament għall-konsumaturi kollha mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-imsemmi regolament, jiġifieri l-15 ta' Ġunju 2017. O2 hija għalhekk obbligata li tiżgura li l-klijenti kollha tagħha jibbenefikaw awtomatikament mir-RBTN, kemm jekk ikunu kif ukoll jekk ma jkunux preċedentement għażlu t-tariffa alternattiva. Għaldaqstant, O2 ma tistax teżiġi mill-klijenti tagħha ffatturati skont it-tariffa l-oħra li juru r-rieda tagħhom li jibdlu t-tariffa sabiex jibbenefikaw mir-RBTN.

16 Telefónica Germany, min-naħa tagħha, issostni li, fil-kuntest tal-applikazzjoni tar-Regolament Nru 531/2012, għandha ssir distinzjoni bejn żewġ tipi ta' tariffi ta' roaming, jiġifieri t-tariffa rregolata u t-tariffa msejħa "alternattiva". It-tariffa rregolata hija tariffa standard li, bħala prinċipju, ma tista' tkun is-suġġett ta' ebda żieda meta mqabbla mat-tariffa bl-imnut nazzjonali, filwaqt li t-tariffa alternattiva tista' tipprevedi kundizzjonijiet li huma differenti minn dawk tat-tariffa bl-imnut nazzjonali. Skont Telefónica Germany, dan ir-regolament jeżiġi li l-klijenti li kienu diġà ffatturati skont it-tariffa rregolata qabel il-15 ta' Ġunju 2017 jibbenefikaw awtomatikament mir-RBTN. Min-naħa l-oħra, skont l-Artikolu 6e(3) ta' dan l-istess regolament, l-obbligu li wieħed jgħaddi awtomatikament għar-RBTN ma japplikax għall-klijenti li kienu ffatturati skont it-tariffa alternattiva fil-15 ta' Ġunju 2017.

17 Il-qorti tar-rinviju tqis li l-kwistjoni dwar jekk, mill-15 ta' Ġunju 2017, it-tariffa l-ġdida ta' roaming irregolata kellhiex tiġi applikata awtomatikament għall-klijenti kollha hija determinanti għas-soluzzjoni tat-tilwima fil-kawża prinċipali, speċjalment peress li, anki wara d-data ta' skadenza tal-15 ta' Ġunju 2017, O2 ma kinitx tat il-benefiċċju ta' din it-tariffa lill-klijenti kollha li kienu suġġetti għat-tariffa alternattiva.

18 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Landgericht München I (il-Qorti Reġjonali ta' München I) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel id-domanda preliminari li ġejja lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"L-Artikolu 6a u l-Artikolu 6e(3) tar-Regolament Nru 531/2012 għandhom jiġu interpretati fis-sens li, mill-15 ta' Ġunju 2017, il-forniturі ta' servizzi ta' komunikazzjoni mobbli għandhom jaqilbu awtomatikament lill-klijienti kollha lejn it-tariffa rregolata skont l-Artikolu 6a ta' dan ir-regolament, indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk dawn il-klijenti kinux jibbenefikaw sa dik id-data minn tariffa rregolata jew minn tariffa roaming speċjali, imsejħa tariffa alternattiva?"

Fuq id-domanda preliminari

19 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 6a u l-Artikolu 6e(3) tar-Regolament Nru 531/2012 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li t-tariffa l-ġdida ta' roaming irregolata prevista fl-Artikolu 6a ta' dan ir-regolament tapplika awtomatikament, b'effett mill-15 ta' Ġunju 2017, mhux biss għall-klijenti li diġà kellhom tariffa ta' roaming irregolata, iżda wkoll għall-klijenti li, sa din id-data, kienu għażlu tariffa oħra.

20 Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, għall-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, ma għandhomx jiġu kkunsidrati biss kliemha iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li minnha hija tagħmel parti (sentenza tat-3 ta' Ottubru 2019, Wasserleitungsverband Nördliches Burgenland *et*, C-197/18, EU:C:2019:824, punt 48 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

21 Fl-ewwel lok, għandu jiġi kkonstatat, qabel kollox, li mill-kliem tal-Artikolu 6a tar-Regolament Nru 531/2012 jirriżulta li l-bidla għar-RBTN kellha ssir, b'mod ġenerali, b'effett mill-15 ta' Ġunju 2017, "għall-klijenti tar-roaming fi kwalunkwe Stat Membru", mingħajr ma din id-dispożizzjoni tinkludi eċċezzjonijiet jew riżervi marbuta ma' dawn il-"klijenti tar-roaming" u lanqas, *a fortiori*, riżervi marbuta mal-kwistjoni dwar jekk dawn il-klijenti kinux jibbenefikaw sa dak iż-żmien minn tariffa oħra. Fil-fatt, l-uniċi riżervi msemmija fl-Artikolu 6a tar-Regolament Nru 531/2012 jirriżultaw mill-Artikolu 6b, intitolat "Użu ġust", u mill-Artikolu 6c, intitolat "Is-sostenibbiltà tat-tneħħija tal-ħlasijiet supplimentari tar-roaming bl-imnut", ta' dan ir-regolament, li jiddefinixxi l-kuntest li fih il-forniturі ta' servizzi ta' roaming jistgħu, rispettivament, japplikaw politika ta' użu raġonevoli tar-RBTN u jiffatturaw b'mod eċċezzjonali spejjeż ta' roaming supplimentari.

22 Sussegwentement, in-natura awtomatika tal-bdil għat-tariffa ta' roaming irregolata fir-rigward tal-klijenti kollha hija kkonfermata mill-kliem tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6e(3) tar-Regolament Nru 531/2012.

23 Fil-fatt, minn naħa, l-ewwel paragrafu ta' din id-dispożizzjoni joffri l-possibbiltà lill-forniturі ta' servizzi ta' roaming li "joffru" u lill-klijenti b'roaming li "jagħżlu deliberatament" "tariffa tar-roaming għajr dik stipulata f'konformità mal-Artikoli 6a, 6b u 6c […] li kieku kienu jingħataw fin-nuqqas ta' għażla bħal din". L-Artikolu 6e(3) tar-Regolament Nru 531/2012 għalhekk jistabbilixxi sistema ta' deroga (opt-out), li tgħid li, essenzjalment, jekk klijent ma jkunx jixtieq jibbenefika mir-RBTN, huwa għandu juri dan espressament. Din l-interpretazzjoni hija barra minn hekk ikkonfermata mill-aħħar sentenza tal-ewwel paragrafu ta' din id-dispożizzjoni li tipprovdi li "[i] l-fornitur tar-roaming għandu jfakkar lil dawk il-klijenti tar-roaming fin-natura tal-vantaġġi tar-roaming li b'hekk jintilfu [jekk dawn tal-aħħar kellhom jagħżlu tariffa ta' roaming differenti minn dik stabbilita skont l-Artikoli 6a, 6b u 6c ta' dan

ir-regolament]". Barra minn hekk, it-test ta' din l-istess dispożizzjoni ma jistabbilixxix kuntest temporali relatat mal-applikazzjoni tagħha, li jippermetti li jiġi dedott li tali għażla ta' "opt-out" setgħet issir anki qabel id-data tal-iskadenza tal-15 ta' Ġunju 2017. B'hekk, għall-finijiet tal-eżerċizzju ta' tali għażla qabel din id-data u għaż-żamma ta' tariffa oħra warajha, il-fornituri ta' servizzi ta' roaming kienu obbligati li jikkuntattjaw, qabel din l-istess data, lill-klijenti kkonċernati sabiex jistaqsuhom jekk kinux jixtiequ jżommu t-tariffa l-oħra tagħhom, billi jfakkruhom "in-natura tal-vantaġġi tas-servizz ta' roaming li jintilfu jekk issir [l-imsemmija] għażla". Skont din ir-regola, jekk klijent jirrispondi fin-negattiv jew ma jirrispondix, huwa kien awtomatikament suġġett għat-tariffa ta' RBTN.

24 Min-naħa l-oħra, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6e(3) tar-Regolament Nru 531/2012 jikkonferma li l-"fornituri tar-roaming għandhom japplikaw tariffa [roaming irregolata] għall-klijenti eżistenti u ġodda kollha tar-roaming awtomatikament". Għaldaqstant, il-fatt li din l-applikazzjoni awtomatika tikkonċerna "l-klijenti kollha", mingħajr distinzjoni skont il-profil tal-klijenti jew it-tariffa li sa dak iż-żmien kienet applikabbli għalihom, huwa inekwivoku. F'dan is-sens, il-parti introduttiva ta' dan it-tieni subparagrafu ("[m]ingħajr preġudizzju għall-ewwel subparagrafu") isservi sabiex tenfasizza li t-tariffa l-oħra tista' tibqa' tiġi offruta anki wara d-dħul fis-seħħ tat-tariffa tar-RBTN, sakemm il-kundizzjonijiet tal-imsemmi l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6e(3) tar-Regolament Nru 531/2012 ikunu ssodisfatti u b'mod partikolari l-klijent ikun għażel "deliberatament".

25 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kuntest li fih jaqgħu l-Artikolu 6a l-Artikolu 6e(3) tar-Regolament Nru 531/2012, għandu jiġi rrilevat li dawn id-dispożizzjonijiet ġew introdotti mir-Regolament 2015/2120 fid-dawl tat-tneħħija tal-ispejjeż ta' roaming bl-imnut supplimentari fi ħdan l-Unjoni.

26 Fil-fatt, kif jirriżulta mill-premessa 21 tar-Regolament 2015/2120, il-leġiżlatur tal-Unjoni kkonstata li, fid-dawl tal-livell osservat tal-prezzijiet bl-ingrossa, it-tneħħija tad-differenza bejn il-prezzijiet nazzjonali u l-prezzijiet ta' roaming, li kienet tikkostitwixxi l-għan aħħari tar-Regolament Nru 531/2012, kif tistabbilixxi l-premessa 3 ta' dan ir-regolament fil-verżjoni inizjali tiegħu, ma setgħetx tintlaħaq b'mod sostenibbli, raġuni li għaliha ġie deċiż li jitneħħew l-ispejjeż tar-roaming bl-imnut addizzjonali mill-15 ta' Ġunju 2017.

27 In-natura awtomatika ta' din il-bidla għar-RBTN tirriżulta wkoll mill-premessa 25 tar-Regolament 2015/2120, li tipprevedi "perijodu ta' tranżizzjoni, li fih il-fornituri tar-roaming għandhom ikunu jistgħu jżidu ħlas supplimentari mal-prezzijiet domestiċi […]", mingħajr madankollu ma jagħmlu riferiment għat-tariffa l-oħra, jew anki għall-possibbiltà li l-applikazzjoni tar-RBTN tkun suġġetta għal dikjarazzjoni korrispondenti tal-klijenti għall-fornituri.

28 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkunsidrat li, ċertament, ir-Regolament Nru 531/2012 fil-verżjoni inizjali tiegħu kien intiż li jiffissa, fil-livell tal-Unjoni, il-prezz massimu bl-imnut permezz ta' tariffa rregolata, imsejħa "Ewrotariffa", u kien jipprevedi li din kienet tapplika awtomatikament, mill-1 ta' Lulju 2012, għall-klijenti kollha b'roaming eżistenti, ħlief għal dawk li kienu diġà deliberatament għażlu tariffa b'roaming differenti minn dik li kienet tingħatalhom fl-assenza ta' din l-għażla. Kif jixhdu l-premessi 48 u 77 tar-Regolament Nru 531/2012 fil-verżjoni inizjali tiegħu, kif ukoll, fir-rigward tal-"Ewro-vuċi", l-Artikolu 8(2) u (3) ta' dan l-istess regolament, tal-"Ewro-SMS", l-Artikolu 10(2) u (4) ta' dan ir-regolament u, tal-"Ewro-data", l-Artikolu 13(2) u (3) tal-imsemmi regolament.

29 Madankollu, dawn id-dispożizzjonijiet kollha tal-verżjoni inizjali tar-Regolament Nru 531/2012 dwar l-applikazzjoni awtomatika tal-Ewrotariffa mhux biss ġew imħassra, iżda, ukoll, kienu jissodisfaw *ratio legis* differenti skont liema l-klijent seta' jibbenefika minn tariffa oħra li kienet iktar baxxa mill-Ewrotariffa. B'hekk, b'mod partikolari, l-Artikolu 13(3) tar-Regolament Nru 531/2012 fil-verżjoni inizjali tiegħu, jirreferi għal "tariffa manifestament iktar baxxa mill-Ewro-data".

30 Min-naħa l-oħra, fil-każ tar-RBTN, differenza fil-prezz bejn it-tariffa l-oħra ta' roaming fl-Unjoni u t-tariffa ta' roaming irregolata hija bħala prinċipju esklużа.

31 Għaldaqstant, mingħajr ma jiġi eskluż li l-bidla awtomatika għar-RBTN tista', f'ċerti każijiet, minħabba eventwali adattament tal-kuntratt ta' roaming, ikollha bħala konsegwenza l-irtirar ta' ċerti vantaġġi marbuta mal-bżonnijiet individwali ta' klijent, ir-rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jipprivileġġa l-introduzzjoni awtomatika tar-RBTN fir-rigward tal-klijenti kollha hija inekwivoka.

32 Fit-tielet lok, din l-interpretazzjoni hija kkorraborata mill-għan imfittex mir-Regolament Nru 531/2012, li, kif jirriżulta mill-Artikolu 1(2) tiegħu u mill-premessa 21 tar-Regolament 2015/2120, huwa li "sabiex jinħoloq suq intern għas-servizzi ta' komunikazzjoni mobbli[, u] eventwalment biex ma jkunx hemm differenzi bejn tariffi nazzjonali u dawk tar-roaming". Għaldaqstant, għalkemm il-passaġġ awtomatiku għar-RBTN għall-klijenti kollha b'roaming huwa kompletament konformi ma' dan l-għan, min-naħa l-oħra, ir-rekwiżit ta' attivazzjoni tar-RBTN permezz ta' manifestazzjoni espressa ta' rieda ("opt-in") jista' jmur kontra dan l-għan fis-sitwazzjonijiet fejn it-tariffa l-oħra tibqa' ogħla mit-tariffa nazzjonali.

33 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li s-sistemi ta' opt-in u ta' opt-out joħolqu inkonvenjenzi ekwivalenti għall-klijenti, sa fejn dawn jikkonsistu t-tnejn li huma sabiex jistiednu lil dawn tal-aħħar jesprimu r-rieda tagħhom lill-fornitur ta' servizzi ta' roaming. Madankollu, il-leġiżlatur tal-Unjoni qies li s-sistema ta' passaġġ awtomatiku għar-RBTN kienet is-sistema li kienet tippermetti bil-mod l-iktar effettiv, b'mod partikolari minħabba l-fatt li, f'sistema ta' deroga (opt-out), is-silenzju jfisser approvazzjoni tar-RBTN, li jintlaħaq l-għan imfittex mir-Regolament Nru 531/2012 li jikkonsisti fit-twettiq tas-suq intern tal-komunikazzjonijiet mobbli mingħajr distinzjoni bejn it-tariffi nazzjonali u t-tariffi ta' roaming.

34 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 6a u l-Artikolu 6e(3) tar-Regolament Nru 531/2012 għandhom jiġu interpretati fis-sens li, mill-15 ta' Ġunju 2017, il-forniturи ta' servizzi roaming kienu obbligati japplikaw awtomatikament għall-klijenti kollha tagħhom it-tariffa roaming irregolata msemmija, b'mod partikolari, fl-Artikolu 6a ta' dan ir-regolament, kemm jekk dawn il-klijenti kienu preċedentement għażlu tariffa ta' roaming irregolata jew tariffa oħra, sakemm ma kinux, qabel id-data ta' skadenza tal-15 ta' Ġunju 2017, espressament immanifestaw l-għażla li jibbenefikaw minn tali tariffa oħra, b'konformità mal-proċedura prevista f'dan ir-rigward mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6e(3) tal-imsemmi regolament.

Fuq l-ispejjeż

35 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjonijiet tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 6a u l-Artikolu 6e(3) tar-Regolament (UE) Nru 531/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar roaming fuq networks pubbliċi ta' komunikazzjonijiet mobbli fl-Unjoni, kif emendat bir-Regolament (UE) 2015/2120 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, mill-15 ta' Ġunju 2017, il-forniturи ta' servizzi roaming kienu obbligati japplikaw awtomatikament għall-klijenti kollha tagħhom it-tariffa roaming irregolata msemmija, b'mod partikolari, fl-Artikolu 6a ta' dan ir-regolament, kemm jekk dawn il-klijenti kienu preċedentement għażlu tariffa ta' roaming irregolata jew tariffa oħra, sakemm ma kinux, qabel id-data ta' skadenza tal-

15 ta' Ġunju 2017, espressament immanifestaw l-għażla li jibbenefikaw minn tali tariffa oħra, b'konformità mal-proċedura prevista f'dan ir-rigward mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6e(3) tal-imsemmi regolament.

Firem